# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.**

**Illum, l-Erbgha 20 ta' Gunju, 2001.**

**Kawza Nru. 15.**
**Citazz. Nru. 744/01 JRM**

**ATLAS INSURANCE AGENCY LIMITED in rappresentanza tas-socjeta' estera AXA INSURANCE plc, kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurata taghhom INTEGRATED ELECTRONICS LIMITED abbazi tal-ligi u tal-polza ta' assikurazzjoni**

**vs**

**CONCORDE INTERNATIONAL FREIGHT FORWARDERS LIMITED**

# Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta’ attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta’ attrici b’risultat tal-polza ta’ assikurazzjoni kkompensat lill-assikurata taghha Integrated Electronics Limited tat-telf li hija garrbet fis-somma ta’ Lm1,365.88c u per konsegwenza giet surrogata fid-drittijiet taghha kontra s- socjeta’ konvenuta meta l-merkanzija mwassla permezz tal-vapur MV Maltese Falcon giet lilha kkonsenjata b’xi hsarat u nuqqasijiet;

Illi waqt li l-merkanzija tal-assikurat tas-socjeta’ attrici kienet f’idejn u taht il-kura u l-kustodja tas-socjeta’ konvenuta, rrizultaw xi hsarat jew nuqqasijiet li ghalihom huma responsabbli bhala l-persuni li jridu jghaddu l-merkanzija lill-konsenjatarju fl-istess kondizzjoni u kwantita’ li huma jkunu rcevewha;

Illi ai termini tal-polza ta’ assikurazzjoni esistenti bejn is-socjeta’ attrici u l-assikurat taghha, is-socjeta’ attrici kellha tindenniza lill-assikurat taghha tad-danni li gew lilha kawzati ai termini tal-premess u b’hekk issa hija giet surrogata fid-drittijiet tal-istess assikurat u dan oltre l-ammont ta’ Lm107 rapprezentanti survey fees;

Illi s-socjeta’ konvenuta nterpellata sabiex tindennizza lis-socjeta’ attrici s-somma fuq imsemmija baqghet inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta’ attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddikjara lis-socjeta’ konvenuta unikament responsabbli ghall-hsarat u n-nuqqasijiet fil-merkanzija tal-assikurat tas-socjeta’ attrici li waslu fuq il-vapur fuq imsemmi;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-assikurat tas-socjeta' attrici li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta' attrici fis-somma globali ta' Lm1,472.88c (elf erba' mija u tnejn u sebghin lira u tmienja u tmenin centezmu);

3. Tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma fuq indikata bhala d-danni sofferti mis-socjeta' attrici li ghalihom hija responsabbli s-socjeta' konvenuta – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-imghax legali millum u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi **tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi:

1. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta unikament responsabbli ghall-hsarat u n-nuqqasijiet fil-merkanzija tal-asssikurat tas-socjeta' attrici li waslu fuq il-vapur fuq imsemmi;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-assikurat tas-socjeta' attrici li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta' attrici fis-somma

globali ta' Lm1,472.88c (elf erba' mija u tnejn u sebghin lira u tmienja u tmenin centezmu);

3. Tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma fuq indikata bhala d-danni sofferti mis-socjeta' attrici li ghalihom hija responsabbli s-socjeta' konvenuta;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta u bl-imghaxijiet dekorribbli mit-30 t'April, 2001, sal-jum tal-hlas effettiv.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**20 ta' Gunju, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**20 ta' Gunju, 2001.**